**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 294 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tracey O' Toole Frendo Cumbo**

Illum, 23 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tracey O' Toole Frendo Cumbo, detentrici tal-karta tal-identita' nru. 299585 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar id-19 ta' Lulju, 2020, 21 ta'Lulju, 2020 u 23 ta' Lulju, 2020 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lill-Ramon Frendo Cumbo ghal uiedkom, irrifjutajt li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 7, 12 u 338 (ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghal xahar detenzjoni effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tracey O' Toole Frendo Cumbo minnu pprezentat fit- ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti billi :-

(1) Thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sarah

Magri) vs Tracey O'Toole Frendo Cumbo deciza fis-07 ta' Dicembru, 2020 preseduta mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. ghar-rigward tal-unika imputazzjoni fejn sabet htija fil-konfront tal-imputata u ghalhekk thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera lill-appellanta mill-unika imputazzjoni migjuba kontriha u minn kull piena fejn l-imputata illum appellanta kienet giet ikkundannata ghall-piena ta' xahar detenzjoni effettiva skond Kap 9 tal-Ligijiet Ta' Malta jew olternattivament;

(2) Fil-kaz li din L-Onorabbli Qorti Tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ma tilqax l-ewwel (1) talba tirriforma/tvarja s-sentenza billi thassarha u tirrevokaha u tipprovdi piena iktar mita, idonea, iktar xierqa u inqas harxa skond ic-cirkostanzi tal-kaz billi flok il-piena ta' xahar detenzjoni effettiva, tapplika piena iktar gusta u idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz. Dan ghar-raguni illi peress li l-appellanta ghandha tlett itfal, jista jkun illi f'dan ix-xahar detenzjoni effettiva, it-tfal ikollhom problem ta' minn ser jiehu hsiebhom u dan peress illi ghadhom tal-eta`tenera hafna u dan zgur mhux se isservi ta' ghajnuna bl-ebda mod la ghall-appellanta stess u izjed u izjed lanqas ghat-tlett uliedha.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju. Interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi.**

Illi l-Artikolu relevanti 338(ll) Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta jghid "meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;". L-Artikolu tal-ligi jsemmi illi sabiex tavveri ruhha din-il-kontravenzjoni, l-imputata ma jridx ikollha raguni xierqa sabiex taghmel dan; igifieri sabiex ma' taghtix access lil parte civile Ramon Frendo Cumbo.

Pero`il-kaz in dezamina ma garax hekk. L-imputata kellha raguni valida ghaliex ma' tghatx access lir-ragel taghha u fil-fatt ghamlet rikors sabiex tiprova tvarja dan id-digriet u dan ghax hija riedet illi l-access ikun that is-supervizjoni ta' social worker sabiex hija tipprotegi lit-tlett itfal taghhom mir-ragel taghha u dan ghar-raguni li

kienet tibza mir-ragel taghha. Mela kien hemm raguni xierqa kif titlob il-ligi ghalfejn l-imputata ma' tghatx access tat-tfal lir-ragel taghha. Mela mhux ma' tghatx access lir-ragel taghha minghajr raguni ta' xejn. Ir-raguni principali tal-imputata kienet illi kien hemm biza kbir illi it-tfal jesponu ruhhom ghal-periklu car u dan meta fil-fatt gara`dak li kienet qed tibza minnu cioe` ili ir-ragel darba minnhom ipprova jidhol-bil-karozza tieghu bil-mara u t-tfal b'kollox gol-karozza ta' quddiemu, bil-konsegwenza illi huwa seta`jwegga gravament lilu innifsu u l-mara u tlett itfal b'kollox gravament. Kien hemm tgheddid kontinwu kontriha u kontra t-tlett uliedhom mir-ragel taghha Ramon Frendo Cumbo illi huwa se jweggahom u jghamlilhom il-hsara u jferihom gravament jew sahansitra joqtolhom.

L-imputata dejjem riedet li l-access jkun supervised ghax ir-ragel u cioe` l-parte civile kien heddidha. Riedet li bhal ma giet protetta hi, t-tfal jigu protetti ukoll ghax meta kien qieghed isuq u dejquh, huwa zamm il-brejk u t-tfal waqghu. L-imputata ma haditx lit-tfal ghall-access ghax hasset li kellhom ikunu protetti. Fil-kontro-ezami hi kkonfermat illi fid-dati kienet taf li kien hemm digriet u li kellha taghtih l-access lil parte civile izda ma hadithomx ghall-access. Ikkonfermat ukoll illi wara d-data tad-digriet ghamlet rikors biex tipprova tvarja d-digriet u l-Qorti cahdet it-talba. L-imputata ipprezentat document immarkat AMG2 li turi cookie li kienet hadet u tat lil omm ir-ragel li kienet qaltilha grazzi. Ikkonfermat ukoll li kienet taf li kien hemm ordni t'access imma ma hadithomx sforz il-biza li kellha.

Illi fil-fatt huwa kien tressaq bl-urgenza taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D. fl-14 ta' Frar, 2020 mill-Ispettur Matthew Galea u gie imputat b'diversi imputazzjonijie u kien hemm bail conditions fosthom "in oltre huwa obbligat li ma' javvicinax, ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-parte civile Tracey O'Toole Frendo Cumbo u li ma jaccedix u ma javvicinax il-postijiet li hija tiffrekwenta abitwalment, il-post tar-residenza taghha u tax-xoghol taghha".

Mela ghall-ghajnejn il-ligi, kien hemm izjed minn raguni xierqa wahda ghalfejn ma' nghatax access mill-imputata lir-ragel taghha Ramon, izda kien hemm hafna izjed ragunijiet xierqa ghalfejn l-imputata ma'tghatx access lil parte civile r-ragel taghha Ramon Frendo Cumbo. Fi kliem iehor hija ma' kisritx il-ligi kapricjozament jew sabiex tisfida l-Onorabbli Qorti, izda hija riedet illi l-access ikun that is-sorveljanza ta'social

worker jew familjari taghha jew persuni ohra li tista tafdahom. Huwa inutili illi l-imputata tesponi lit-tlett uliedha ghall-periklu car u manifest, imbghad wara li tista tigrilhom il-hsara jew iwegghu gravament jew sahansitra jistghu anke jmutu, tmur tirraporta l-Ghassa tal-Pulizija ghax wara ma jista jsir xejn sabiex tirranga il-hsara li tkun saret.

**It-Tieni Aggravju. Nuqqas ta' apprezzament tal-provi migjuba mill-Onorabbli Qorti, apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provi migjuba.**

Illi Dok AMG1 huwa d-dokument fejn juri car fejn Ramon Frendo Cumbo kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Doreen Clarke LL.D. fl-14 ta' Frar, 2020 mill-Ispettur tal-Pulizija Metthew Galea. Illi omm Ramon Frendo Cumbo, Salvina Frendo Cumbo qalet illi "Ramon ma jiflahx illum u taf kemm jinkwieta li Alla hares qatt (u f'dawn ic-cirkustanzi li qedin fihom ghalissa) jkollu xi haga u jtijilhom. Kontra qalbu, ghax tghidx kemm illhu jistenna Dawn il- mumenti, ahjar ghal lum ma jiltaqghux…..". Illi l-Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma apprezzatx illi Ramon ma' riedx jiltaqa mat-tfal ghax ma' kienx jiflah.

Illi Ramon Frendo Cumbo jiftakar id-dati fejn l-imputata ma' yaghtux access u ma jiftakarx id-data meta l-Qorti taghtu l-ordni sabiex ma' jitkelmux huwa u martu. Meta gie imfakkar mill-Avukat illi l-ordni harget fl-14 ta' Frar, 2020 huwa irrisponda illi m'ghandux kopja tal-karti fuqu. Ghalhekk ix-xhud mhux kredibli ghaliex fejn jidhirlu jiftakar id-dati kollha bil-hin b'kollox u fejn irid ma jiftakarx meta il-Qorti taghtu l-ordni sabiex ma jkellimx lill-imputata martu. Lanqas jiftakar jekk l-ordni hargitx biss kontra il-mara u mhux it-tfal. Ramon rega irrisponda ripetutament illi m'ghandux karti quddiemu. Illi l-abbuzi familjari, bhal theddid minn-Ramon lill-imputata u li missier Ramon ittanta lill-imputata stess u li l-imputata xehdet fuqhom, l-Onorabbli Qorti ma tathomx importanza jew piz jew ma tathomx importanza jew piz bizzejjed. Ramon hedded li se jifqaghhom lit-tfal u lill-imputata mal-hajt u ghalhekk it-tfal kellhom jigu protetti. L-imputata xehdet illi Ramon gie li saq I meta t-tfal idejquh huwa izomm il-brejk u huma jaqghu.

Illi meta l-imputata giet mistoqsija mill-Avukat taghha rigward xi accident partikolari, l-imputata giet imwaqfa mill-Onorabbli Qorti. L-imputata wiegbet car u tond illi hija ma' tatx access lir-ragel taghha sabiex tipprotegi lit=tlett uliedha u li din hija raguni

valida ghall-ghajnejn il-ligi ghaliex hija ma' tatx access lill-Ramon Frendo Cumbo u li l-Onorabbli Qorti, minkejja din ir-raguni valida rikjesta mill-ligi stess, ma gietx apprezzata mill-Qorti. L-imputata xehdet car u tond quddiem il-Qorti u stqarret illi kienet imbezza b'hafna bizghat mir-ragel taghha stess u familjari tieghu. L-Onorabbli Qorti qalet illi ir-rikorsi imsemmija mhumiex fl-interess taghha.

**It-Tielet Aggravju. Il-Piena moghtija/erogata mill-Onorabbli Qorti.**

Illi din il-kawza bin-numru tac-charge 7/P/2891/2020 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Il-Pulizija vs Tracey O'Toole Frendo Cumbo kien xehed fiha il-parte civile Ramon Frendo Cumbo li kien ipprezenta document RFC1, RFC2 u li kienu gew inseriti ma' kawza numru bir-referenza 7/P/2891/2020. Illi ix-xhieda u dokumenti prezentati huma relevanti ghall-kawzi kollha relatati mal-partijiet fuq il-lista ta' dakinhar cioe` 9 ta' Novembru, 2020.

Illi kien hemm kawza ohra kontra l-istess imputata bin-numru tac-charge 7/P/2821/2020 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Il-Pulizija vs Tracey O'Toole Frendo Cumbo fejn hija kienet giet akkuzata talli nhar it-18 ta' Lulju, 2020 ghall habta tal-10.00 hrs meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Ramon Frendo Cumbo ghal uliedkom, irrifjutajt li taghmel hekk minghajr raguni xierqa. F'din il-kawza l-imputata kienet akkuzata illi fit-tali gurnata li tahbat gurnata wahda biss qabel is-19 ta' Lulju, 2020 li hija gurnata ohra li tirrigwarda dan l-Appell, fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru, 2020, l-Onorabbli Qorti kienet ikkundannat lill-imputata ghall hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (58.23 ewro). Illi l-imputazzjoni hija l-istess taht l-Artikolu 338(ll) Kap 9 Ligijiet ta' Malta u il-fatti spece tal-kaz huma kwazi identici ghajr id-dati tal-kontravenzjoni.

Illi f'dak il-kaz tat-18 ta' Lulju, 2020, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat piena iktar idonea, gusta u ekwa ghall-kontravenzjoni li kienet ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (58.23 ewro). Illi l-imputata qed titlob lill-din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali illi f'kaz illi tikkonferma is-sejbien ta' htija f'dan l-Appell, hija tapplika piena iktar ekwa u idonea u gusta ghall-din il-kawza tal-Appell bhal kaz tas-07 ta' Dicembru, 2020.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tistqarr li l-ewwel Qorti ghamlet aprpezzament hazin tal-fatti kif prodotti u kien ghalhekk li l-gudizzju taghha ma kienx wiehed '*safe u satisfactory*'.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi ghalhekk din il-Qorti kellha tezamina mill-gdid il-fatti tal-kaz u mismugha x-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed 'safe u satisfactory'.

Rat l-affidavit ta' **PC 720** esebit fl-atti fejn dan kkonferma li waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizja tal-Hamrun, Ramon Frendo Cumbo kien mar jirraporta li martu l-appellanti ma tatux l-access tat-tfal taghhom kif ordnat mill-Qorti u cioe b'digriet mahrug numru 47/20 datat 14 ta' Lulju 2020 mahrug mill-Qorti tal-Familja fejn hemm stipulat li l-kwerelant ghandu access ghat-tfal minuri tieghu kul nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-17.00p.m u it-20.00p.m kif ukoll fil-weekend darba is-Sibt bejn l-10.00a.m u is-19.00p.m u darba l-Hadd fl-istess hin.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

L-kwerelant irraporta li martu ma tatux l-access li kien intitolat ghalih u dan ghal jiem ta' nhar id- 19 ta' Lulju 2020, 21 ta' Lulju 2020 u 23 ta' Lulju, 2020.

Rat illi l-kwerelant **Ramon Frendo Cumbo** ta' x-xhieda tieghu viva voce il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru 2020 pero taoi xhieda ma gietx dattilografata u ghalhekk rega xehed quddiem din il-Qorit nhar il-23 ta' Frar 2021. Dan ikkonferma li kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal Hamrun u kien spjega lill-pulizija li huwa mizzewweg lilTracey O Toole Frendo Cumbo u li ghandhom tlett itfal minuri bejniethom u cioe zewg aubien ta' tmein u tlett snin u tifla ta' sitt snin. Qal li fil-present ghaddej minn procedure ghas-separazzjoni personali minn ma martu l-appellanti u li t-tfal gew fdati f'idejn l-omm b'access fiss ghall-appellanti skond id-digriet eebit fl-atti tal-kawza numru 294/2020. Liema digriet huwa data 14 ta' Lulju 2020 u skond dan id-digriet jirrizulta li l-kwerelant inghta access ghall-uliedu kul nahr ta' Tlieta u Hamis bejn il-5.30 p.m u it-8.00 p.m kif ukol darba is-sibt u darba il-Hadd b'mod alternattiv bejn l-10.00 a.m u is-7.00p.m. Ikkonfemra li dan hu l-ahahr digriet li hareg f'dan ir-rigward ta' access.

Jghid li nhar id-19, 21 u 23 ta' Lulju huwa kellu l-access tat-tfal izda meta mar ghalihom martu ma gabithomlux. Qal li fit-30 ta' Lulju kienet nizlet martu u gabitlu pasta li kienu xtrawlu it-tfal u fuqha kien hemm il-kliem '*I love you*'. Pero marret tiltaqa' mieghu bla tfal. Mistoqsija x'kienet ir-raguni ighid li huwa m'ghandux komunikazzjoni ma martu u hija tiftiehem ma ommu. Mistoqsija jekk qaltlux ghaliex ma kienitx qed tohodlu it-tfal jghid li le ghaliex ghandhom ordni li ma jitkelmux ma xulxin u lanqas messaggi ma jibghatu lil xulxin. Mistoqsi jekk kellux xi access alternattiv ghal jiem li ma tathomlux jghid li le ma kellux granet alternattivi .Qal li f'kul okkazzjoni ghamel nofs siegha jistenniha iggiblu it-tfal. Wara dawn il-jiem problemi ohra ta' din in-natura ma kellux

Mistoqsi jekk sarux xi tentattivi biex id-digriet jinbidel jghid li saru dabtejn mill-appellanti izda it-talbiet taghha gew michuda.

Ikkonferma li kien tressaq il-Qorti fi Frar 2020 u faccjat bi proeduri kriminali u gie ordnat johrog 'l barra mid-dar matrimonjali u hekk ghamel. Jghid li jaf ukoll li hemm Ordni ta' Protezzjoni favur martu biex ma ikellimhiex. Ikkonferma ukoll li qabel ma

hareg id-digriet tal- Qorti kien hemm zmien meta it-tfal kien jarhom ukoll. Ikonferma ukoll li kien ghamel zmien li ma jarax it-tfal minhabba il COVID izda meta naqsu in-numri kien rega beda jarhom.

Quddiem din il-Qorti l-appellanti kient ipprezentat rikros fejn tablet li jisntemghu zewg xhieda li ma keinux iddeponew quddiem l-ewwel Qorti u din il-Qorti in vsita tal-fatt li l-Avuakt Genrali ma irregistra l-ebd aoggezzjoni u minhabba il-fat li ir-rapoprti li dwarhom kienu ser jixhdu ix-xhieda hargu war aliingahtat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti laqghet it-talba rikorrenti ghas-smeigh taghhom.

L-ewwel ma xehed kienet **Jennifer Zammit**. Spjegat illi hija tahdem bhala counsillor ma l-Education u xoghlha hu li ddur l-iskejjel u titkellem mat-tfal biex tiehu hsieb il-*well being* taghhom. Ikkonferma li hija tara b'mod regolari zewgt itfal tal-kontendenti u cioe Finian ta' tmien snin u Finielle ta' sitt snin udan l-iskola Guze Pace il Hamrun.

Tghid li Finian qallha li meta imur ghand missiru xtaq li ikun hemm professjonist ghand il-papa ghaleix ma jhossux '*safe*'. Tghid li it-tifel uriha sinjali li ma xtaqs ikompli imur ghand missieru u dan ghelix missieru il-hin kollu jghidlu kontra ommu. Qallha li jmur ghaleix inkella missieru jghamel rapport kotnra ommu u ommu tispicca l-habs

Qalet li hiaj tiehuhsieb it-tfal u ma titkellmix mal-genituri dwarhom. L-interess taghha li titkellem biss mat-tfal. Qalet li lill-appellanti tafha ghaeix gili tarha l-sikola u gili tkellimha pero lil missier qat ma kelmitu u l-iskola ma jmurx. Qalet li l-agir tat-tifel huwa ta' 'concern' ghaliha

Mistoqsija fejn issir l-access qalet li isir ghand in-nanna paterna u gili ghand iz-zija 'judith'. Hiaj bdiet titkellem mat-tfal f'Ottubru 2020 u kient tarhom darba kul hmistax izda min nJananr 'l hawn tarhom darba fil-gimgha u dan ghaleix hasset il-htiega li izzid il-kuntatt maghhom. Tghid li t-teachers qalulha li Finnian ma jobdix jikkoncentra qabel l-10.00 a.m pero ma tistax tghid li dan hu attriwibbli ghal xi nuqqas tal-missier Mistoqsija minn qallhom lit-tfal li jekk ma jmorrux ghand missierhom ommhom tmur il-habs tghid li ma tafx. Spjegat ukoll li dan l-ahhar it-tifla Finiella qaltilha li ghand il-papa jaraw il-films tal- '*boobies*' u tal- glied.

Mistoqsija jekk qatt kienet prezenti waqt l-access tghid li le. Taf pero li l-access jibda min quddiem l-ghassa tal- Hamrun minn fejn jigbor it-tfal il-missier. Mistoqsija jekk tafx li n- nanna paterna hija social worker tghid li taf. Qalet li taf li l-kontendenti huma ghaddejjin proceduri ghas-separazjzoni u dan ghaliex kienet qaltilha l-appellanti stess fil-bidu ta' Ottubru. Qalet li ricentment it-tifel ghamel xi gimghatejn ma jmurx skola ghaliex kellu d-deni pero issa rega beda imur. Hija hassiet li t-tifel ghandu bzonn support.

Hija kkonfermat ir-rapport taghha prezentat fl-atti u markat bhala dok 2

**Marcelle Bugre** xehdet nhar id-9 ta' Marzu, 2021 u spejgat illi hija tahdem fl-Appogg u tikkonferma ir-rapport li kienet ghamlet fuq talba tal-appellant li jinsab esebit fl-atti u markat bhala Dok 1. Qalet li kienet ilha tara it-tfal tal-kontendenti sa minn Awwissu 2020 u dan fil-kapacita taghha ta' social worker pero taf li dan il-kaz kien ilu ghaddej minn 2018 minn noti li jinzammu mill-file. Qalet li f'dawn l-ahhar sitt xhur hija tara biss it-tfal u qatt ma tkelmet mal-missieru u cioe -kwerelanti. l-omm gili kelmitha. Qalet li minn dak li setghet tikkonstata t-tfal qed jigu manipulata u jigu imbezzghin meta ikunu mal-missier. Spjegat li t-tfal isaqsu xi affarijiet li mhux normali ghat tfal ta' l-eta taghom. Jghidu li ommhom ser tmur il-habs jekk huma ma imorrux izuru lil missierhom. Jghidu li missierhom il-hin kollu jghidilhom kontra ommhom u jiddejqu b'dan l-agir. Huma pero ma jkelmux mal-missier ghax jekk jghamlu hekk it-tfal ma jafdawhomx iktar. Ghalhekk huma jirraportaw dak li qalulhom it-tfal minghajr ma jghamlu il-verifiki taghhom mal-persuna koncernata. Qalet li anke id-dirigenti ta' l-iskola huma konxji b'dak li hu ghaddej. Spjegat per esempju li meta il-missier ikellimhom bil-*video call* fiz- zmien tal-COVID it-tfal jghidu li l-missier jitlobhom juruh dak li jkun ghaddej fid-dar. Mistoqsija jekk tafx li d-dar hija matrimonjali tghid li taf. Qalet ukoll li ttifal qaltilhomli fid-dar tan -nanna ikun hemm xi familjari jaraw films psataz b'affarijeit sesswali. Qalet li taf li t-tifel harab biex ma jkumx skola u dan l-agir jinkwetaha hafna. Mistoqsija jekk qattx rat it-tfal waqt l-access tghid li le. Jekk qatt tkelmet mal-missier fuq dawn l-kwstjonijiet tghid li le. Tghid li hija ghamlet ir-rapport taghha ghaliex giet mitluba mill-appellanti

L-appellanti xehdet quddiem l-Qorit tal-Magistrati nhar id-9 ta' NOvembru 2020 pero ix-xhieda taghha ma gaietx dattilografata. Ghalhekk regghet xehdet quddeim din il-Qorti

Tghid li fil-present hija tinsab gahddejja is-separazzjoni taghha min ma zewgha l-appellant u li giet fdata bil-kura u kusotodja tat-tfal u li l-kwerelatn ghadn access ghat tfal minuri skond id-digriet tal-Qorti . tghid li taf li ghandu dritt jarhom tlett darbiet fil-gimgha. Mistoqsija jekk hemmx xi digriet iehor li jirrelata dwar l-access tal -minuri tghid li le l-uniku digriet huwa dak esebit fl-atti mahrug mill-Qorti tal-Familja nhar l--14 ta' lulju 2020. Tghid li veru kien hemm okkazzjonijiet f' Lulju meta ma tatx access lil zewgha ghat-tfal minuri u dan ghaliex uliedha ma jkunux iridu jmorru ma missierhom . Tghid li fil-fatt zewgha il-hin kollu jghid lit-tfal affarijeit kotnra taghha. Qalet li hasset li t-tfal qed ibatu u ghalhekk marret titkellem mad-dirigenti tal iskola u tal-Appogg beix ighinuha . Spjegat li qabel ma hareg id-digriet tal Qorti ta' Fmilja xorta kienet tati access lil zewgha ghal uliedu u anke wara dawn l-incidenti xorta baqghet tatih access.

Spjegat li hija ma tikkomunikax ma zewghha u dan ghaliex hemm Ordni ta' Protezzjoni favur taghha mahruga mill-Qorti tal-Magsitrati. Spjegat li tikkomunika ma omm zewghha dwar it-tfal. Qaletl ima tiehux pajcir li uliedha imorru ghand in-nanna paterna ghaliex hemm xi membri tal-familja li jaraw xi films tal pornografija. Qalet li zegha gie ukoll imkecci mid-dar matrimonjali wara li tressaq il-Qorti akkzuat b'reat ta' domestic violence.

Mistoqsija jekk kompliet tati access lil zewghha meta hargu ir-raport li pprezentat il-Qorti tghid li iva. Tghid li kienet ipprezentat rikors biex ikollha varjazzjonni fid-digriet pero l-Qorti tal familja cahdet it-talba taghha

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2021

Ikkunsidrat.

L-appellanti giet akuzata bil-konravezjoni kif kontempalta fl-**artikolu 338 ll tal kap 9** tal-ligijiet ta' Malta li tipprovdi s-segwenti:-

*meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr 'raġuni xierqa';*

Illi ghalhekk l-akkuzata tista tigi skuzata milli taghti access f'dawk ic-cirkostanzi **biss** fejn ikun hemm 'raguni tajba'. Pero x'inhi raguni tajba il-legislatur ma ighatix definizzjoni u t-test huwa wiehed soggetiv li jrid isir mill-gudikant b'mod individwali fuq il-provi li jitresqu quddiemu. Ili din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tara jekk ghandux ikun hemm varjazzjoni fid-digriet tal- Qorti tal- Familja izda li ghandha obbligu li tara li qed jigi segwit. F'kaz li l-akkuzata ikollha xi suspett qawwi li mhux idoneju li l-parti l ohra ikollha access ghal minuri zgur li ma tistax tiehu decisjoni b'mod soggetiv. Izda il-ligi tipprovdi rimedju u cioe li tadixxi l-istess Qorti li kienet akkordat l-access lil zewgha ghat--tfal minuri u titlob varjazzjoni tad-digriet li jordna l-access. Pero' bl-ebda mod ma hi intitolata li arbitrarjament tissospendi – anki temporanjament – l-access sakemm id-Digriet li jkun jirregola l-access jkun ghadu in vigore.

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Family Court jew ordni f'kuntratt bonarju , jew f'sentenza tal-Prim'Awla jew f'tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-access ghall-ulied minuri, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellanti tkun naqset li tottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, diment li ma tippruvax al menu sal-grad tal-probabbli li ghandu raguni xierqa biex jaghmel dan.

Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Family court u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tal-Family court, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha.

Ghalhekk fl-assenza tal-inqas prova konkreta li setghet taghti "*raguni xierqa*" lill-appellant biex jirrifjuta l-access u meta hi stess stqarret li fil-fatt dak in-nhar tad-19, 21 u 23 ta' Lulju 2020 , ma tatx access ghat-tfal, l-aggravju tal-appellant fil-mertu ghandu jigi respint.

F'dan il-kaz jidher li l-appellanti kienet inkwetata ghaliex allegatament il- missier tat-tfal kien qed ighidilhom affarijiet kontra taghha ( ghalkemm x';kienu dawn l-alelgati

affarijeti ma nafux) u hasset li dan l-abbuz kien qed jaffettwa lit-tfal tant li ma riedux imorru ghandu aktar, izda skond is-social worker keinu imorru ghaleix altrimenti ommhom tispica il-habs'. Zgur li dawn il-kliem ma qalhomx il-missier izda semmai ommhom qalet dawn il-kliem u ghalhekk forsi hija l-pressjoni tal-omm fuq it-tfal li qed taffetwa lil minuri u mhux vive versa. L-appelanti tghid li kienet taf li ghandha ordni tal-Qorti li kellha tati access lil zewghha pero hasbet li sakemm ikun hemm digriet moghti dwar it-talba taghha li ikun hemm varjazzjoni tad-digriet hija setghet tinnega l-access.

Huwa inkwetanti hafna ghal din il-Qorti tara kif membri tal-Appogg jaqbdu u jghamlu rapporti bazati biss fuq allegazzonijiet maghduda minn minuri li ikun qed ighix ma genitur wiehed kontra l-genitur l-iehor minghajr ma jghamlu l-ebda investigazzjoni jew indagni ckejkna kemm hi ckejkna biex almenu ikollhom iz-zewg versjonijiet u meta jitilghu jixhdu l-Qorti jkunu jistghu jaghtu iz-zewg versjonijiet. Din il-Qorti ma thossx li huwa fl-interess tal-minuri li gja ikunu ghaddejja minn trawma minhabba is-separazzjoni tal-genituri taghhom li huwa jithallew jitkelmu ma professjonist wahdu minghajr ebda kawtela u minghajr ebda direzzjoni u wara dak il-professjonist jirrelata dak lollu li intqal lilu daqs li kieku sehh fil-presenza tieghu u dawqs li kieku huwa fatt li sehh. Huwa kwazi kwazi normali li meta koppja tkun qed tissepara fil-bidu tal-proeduri li jkun hemm hafna antagonsimu u ghalhekk mhux l-ewwel darba il l-genitur li jigi fdat bil-kura u kustodja tat-tfal jipprova jghamel *parental alienating* biex jottjeni l-kura u kustodja b'mod permanenti u li ikun hemm nuqqas ta' access lil parti l-ohra.

Kieku l-apellanti verament kienet inkwetata li l-agir ta' zewghha fil-konfront ta' uliedhom kien perikoluz ma kienitx tibghat lill-uliedha mieghu fix-xhur ta' Awwissu Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru qabel ma hareg dan ir-rapport. Kienet tinsisti li jkollha investigazzjoni aperta bil-ghan li twaqqaf dan l-allegat agir abbusiv tal-missier. Kienet almenu tipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal- Familja fejn titlob li dawn ic-cirkostanzi jigu ezaminat f'iktar dettal peremzz ta' xi espert tal-Qorti. Pero dan m'ghamlitux u baqghet tati access lil zewgha ghax-xghur ta' wara. Zgur li din il-Qorti ma tistax tghid li l-appellanti ma tatx access lil zewgha a bazi ta' dawn iz-zewg rapporti esebiti fl-atti ghaliex dawn huma datati hafna wara li sehhew il-kontravenzjoni . Huwa evidenti li d-decisjoni li ma tatix access f'dawk it-tlett ijiem u

cioe nhar id-19, il -21 u t-23 ta' Luju 2020 kienet wahda abbusiva u zgur mhux wahda bazata fuq 'raguni tajba'.

L-appellant jitlob ukoll li jkkun hemm temperament fil-piena u dan ghalliex stqarret li hija tiehu hseib it-tlett itfal minuri u jekk tmur il-habs huma dawn it-tfal minuri li ser ibatu l-iktar. Huwa minnu lli jekk din il-Qorti tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti it-tfal sejrin ibatu pero hija l-omm li ghandha tiehu hsieb li uliedha ma ibatux introtament. Cio nonnostante l-Qorti rat li fl-atti ma gietx esebita il-fedina penali tal-appellaanti u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta maghha daqs li kieku kienet *'a first time offender'*. Jinghad ukoll li l-appellanti ma gietx akkuzata li hija recidiva u lanqas li r-reat kien wiehed kontinwat u ghaklhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena imposta hija wahda eccessiva ghalkemm taqa' fil-parametri tal-ligi.

Il-Qorti għalhekk, din il-Qorti qeda tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Dicembru 2020, dwar id-dati kif esposti fil-komparixxi msemmija fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza kif gej:

(i) qed tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u qed
(ii) tirriformaha u tbiddilha fejn ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva u minflok, stante li din il-Qorit ser titratta maghha daqsli kieku kienet a first time offender qed tikkundannaha tħallas ammenda ta' €58.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur